MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Numru. 697/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**

**Paul Roberts ta' 60 sena, bin il-mejjet Saviour u Emanuela nee' Grech, mwieled il-Belt Valletta fl-20 ta' Awwissu 1950 li joqghod fil-fond numru 2, Triq il-Habs l-Antik, l-Isla u dtentur tal-karta ta'l-identita' numru 0673550(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Roberts akkuzat:

1. talli nhar it-18 ta' Lulju 2009, ghal habta tal-11:50 ta' bil-lejl filwaqt li kont fi Triq il-Habs l-Antik gewwa l-Isla u aktar tard, filwaqt li kont qed tigi skortat lejn il-lock-up tal-

Pulizija fl-inhawi ta’ Rahal il-Gdid, bi vjolenza u b’theddid gieghelt lis-surgent tal-Pulizija 1577 Silvio Magro l-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia u il-kuntistabbli tal-Pulizija 878 Jurgen Muscat, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mall-kariga taghhom.

2. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kont fi Triq il-Habs l-Antik, gewwa l-Isla u aktar tard, filwaqt li kont qed tigi skortat lejn il-lock-up tal-Pulizija, fl-inhawi ta’ Rahal il-Gdid attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuni tas-surgent tal-Pulizija 1577 Silvio Magro, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia u l-kuntistabbli tal-Pulizija 878 Jurgen Muscat bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtortita’ kompetenti.

3. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il-Habs l-Antik gewwa l-Isla u aktar tard, filwaqt li kien qed jigi skortat lejn il-lock up tal-Pulizija, fl-inhawi ta’ Rahal il-Gdid, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’l-istess surgent 1577 Silvio Magro, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia u il-kuntistabbli tal-pulizija 878 Jurgen Muscat bhala persuni ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza’ jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz

4. Talli nhar it-18 ta’ Lulju 2009 ghal habta ta’ 11:45 ta’ bil-lejl filwaqt li kien fi Triq il-Habs l-Antik gewwa l-Isla, dolozament, bil-hsieb li jikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ ibnu Pawlu Roberts mill-Isla wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi hebb ghalih permezz ta’ arma li taqta’ u bil-ponta (sikkina) liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il-Habs l-Antik gewwa l-Isla u aktar tard, filwaqt li kien qed jigi skortat lejn il-lock up tal-pulizija, fl-inhawi ta’ Rahal il-Gdid ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun

inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmnlu d-dmirijiet taghhom.

6. Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq il-Habs l-Antik gewwa l-Isla u aktar tard, filwaqt li kien qed jigi skortat lejn il-lock up tal-Pulizija, fl-inhawi ta' Rahal il-Gdid, fil-hin ta' matul il-lejl volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubbliku b'ghajjat u glied.

7. W aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il-Habs l-Antik gewwa l-Isla u aktar tard, filwaqt li kien qed jigi skortat lejn il-lock-up tal-Pulizija, fl-inhawi ta' Rahal il-Gdid, qal kliem oxxen, indicenti u dagha.

8. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebb ghal uliedu Salvina Roberts, Paul Roberts u Silvio Roberts sabiex jingurajhom, idejjaqhom u ighamillhom hsara.

9. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded lil uliedu Salvina Roberts, Paul Roberts u Silvio Roberts, meta ipprovokat, b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

10. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, qabad armi kontra uliedu Paul Roberts u Silvio Roberts.

11. W aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il-Habs l-Antik gewwa l-Isla, kellu fil-pussess tieghu, kellu taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-ditorni tieghu, arma regolari minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

12. Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ikkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom meta inti kont taf jew imissu kien jaf li b'tali mgieba taghhom ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-ufficjali tal-pulizija indikati fl-akkuzi gew imsejjha sabiex jaghtu l-assistenza lill-familja Roberts u dana minhabba xi disgwid familjari li kien hemm bejniethom. F'dana l-argument jidher illi kienu involuti l-missier, u cioe' l-imputat, kif ukoll it-tlett uliedu Salvina, Silvio u Pawlu. Jidher illi dina ma kenitx l-ewwel okkazzjoni li l-pulizija issejjhu sabiex jassistu lil din il-familja li ta' spiss jispiccaw jiggieldu. Fil-fatt il-Qorti setghet tosserva matul is-smigh tal-provi illi f'dina l-familja jidher illi jiggieldu imbaghad malajr jinsew sakemm tinqala' xi glieda ohra, bil-konsegwenza illi l-pulizija jispiccaw jiehdu hafna xoghol zejjed minhabba li dawn in-nies ma jafux igibu ruhhom kif suppost. Illi ghalkemm f'dana l-incident jidher illi l-missier u l-ulied subien spiccaw jiggieldu anke b'armi, madanakollu meta gew biex jixhdu imbaghad donnhom insew kollox u kull ma ftakkru kienu biss l-azzjonijiet tal-ufficjali tal-pulizija, illi sabiex irazznu is-sitwazzjoni spiccaw kellhom juzaw il-pepper spray u it-*taser gun*.

Illi meta l-pulizija wasslu fuq il-post huma mal-ewwel setghu josservaw glieda ghaddejja bejn l-imputat u iz-zewg uliedu Pawlu u Silvio. Ighidu illi l-imputat kien qed jigri wara uliedu ixejjer mus tal-marka Opinel, b'xafra twila madwar 24 centimetru f'idejh, fost hafna tghajjir u theddid reciproku. Meta jiduna bihom, l-imputat inehhi l-mus u jitfghu fil-but, izda meta il-pulizija jitolbuh biex ighaddiehulhom, huwa jirrifjuta u jerga' johorgu u jibda ixejjru fid-direzzjoni ta' uliedu u jisfida lis-surgent Magro bih. F'hin minnhom l-imputat idawwar il-mus lejn l-istonku tieghu u jibda' jaghfsu mieghu bhal donnu irid iwegga' lilu innisu. Hawnhekk s-surgent Magro u il-kuntitsabbli Farrugia jiddecidew li jintervjenu sabiex izommu lill-imputat milli iwegga' lilu innifsu u hawn jintuza it-*taser gun* fuqu. Izda dana ma ikollux l-effett mixtieq u l-kuntistabbli Farrugia ghalhekk ikompli jissara ma'l-imputat sabiex

jipprova inehhielu il-mus minn idejh, izda meta jintlaqat hu ukoll mill-effetti tat-*taser gun*, ikollu jitlaq lill-imputat. Hawnhekk is-surgent Magro jiddeciedi li juza il-*pepper spray* fuq l-imputat u meta dan ta'l-ahhar ihoss l-hruq f'ghajnejh jitlaq il-mus minn idejh u hawnhekk il-pulizija jippruvaw jimmanettjawh, izda l-imputat ikompli jirresisti, ukoll ghaliex f'dan il-hin jibda jipprova joghrok ghajnejh mill-effetti tal-*pepper spray*. L-imputat imbaghad jigi arrestat izda mill-ghassa tal-pulizija ta' Bormla jittiehed il-polyclinic sabiex jiddewwa mill-effetti ta'l-ispray u dana ghal darbtejn. Meta l-imputat imbaghad ikun i triqtu sabiex jittiehed lejn il-lock-up tal-habs, huwa jibda jipprotesta u sahansitra jipprova jahrab mill-vettura tal-pulizija billi jiftah il-bieba u jipprova jaqbez 'il barra. Izda hawn jigi imrazzan mill-kuntistabbli 878 Jurgen Muscat li kien vicin tieghu fil-vettura.

Illi l-imputat jinsab akkuzat l-ewwel u qabel kollox bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 91 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar l-vjolenza jew it-theddid kontra l-ufficjal pubbliku. Illi dina id-disposizzoni tal-ligi tipprevedi sitwazzjoni fejn persuna bi vjolenza jew b'theddid iggieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu. Illi ghalhekk kif ighid il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu fuq id-dritt penali l-ingredjenti li isawwru dana ir-reat huma:

1. il-vjolenza jew it-theddid. Ighid il-Mamo: "***Such coercion subsists when the public officer subjected thereto is compelled by violence or threats to do against his will that which he otherwise would not do*.**"

**2.** l-element formali tar-reat u cioe' ... **"*the offender must have aimed at procuring or frustrating the doing by the public officer of an act appertaining to his office.*"**

Illi minn imkien fl-atti ma jirrizulta illi l-imputat ghamel xi haga bi vjolenza jew b'theddid sabiex igieghel lil pulizija jaghmlu xi haga jew sabiex izommhom milli jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom illi jaghmlu. Illi meta is-surgent Magro beda jipprova jikkonvinci lill-imputat ighaddielu il-

mus u beda iheddu li ser juza it-*taser gun* fuqu jekk ma jobdiehx, l-imputat dar lejh u filwaqt li kien bil-mus f'idejh qallu il-kliem : "ipprova surgent, dak ma ighamilli xejn" u dana x'aktarx b'referenza ghal uzu tat-*taser gun*. Dana certament ma jinkwadrax ruhu f'dak dispost fl-artikolu tal-ligi in dizamina. Li kien qed jaghmel hawn l-imputat, kien li jisfida lis-surgent u xejn iktar! Ghaldaqstant dina l-akkuza certament ma tirrizultax mill-fattispecje ta' dana il-kaz.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat ukoll bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ufficjali pubblici involuti f'dana l-incident huma s-surgent tal-Pulizija 1577 Silvio Magro, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia u l-kuntistabbli tal-Pulizija 878 Jurgen Muscat.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"***Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*.**"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: **"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: **"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."**

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

**"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*".**

Ikkunsidrat,

Illi jekk wiehed janalizza x'kienu l-azzjonijiet ta'l-imputat jirrizulta illi l-imputat ripetutament beda jiddisubbidixxi l-ordnijiet moghtija lilu mill-ufficjali tal-Pulizija. Fl-ebda hin huwa ma beda juza xi vjolenza kontra taghhom. Fl-ebda mument ma hebb ghalihom jew attakkhom u ghalkemm huwa beda jirresisti madanakollu ma jidhirx minn dak li ighidu dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija illi kien vjolenti fil-konfront taghhom. L-imputat beda jinjora dak li kienu qed ighidulu l-pulizija u cioe' huwa ma obdiex l-ordni taghhom illi ighaddihlhom il-mus, izda baqa' jigri wara uliedu bih. Meta imbaghad is-surgent jibda iheddu li ser juza t-*taser gun*, l-imputat idur fuqu u jisfidah ghax ighidlu li t-*taser*

*gun* lilu ma ighamillu xejn. Imbaghad meta l-imputat jipprova iwegga' lilu innifsu b'dana il-mus meta jipprova idahhlu fl-istonku tieghu, l-pulizija jintervjenu sabiex izommuh milli ikompli f'dan l-agir tas-*self destruction*, izda billi l-imputat jibqa' jirresisti hawnhekk il-pulizija jirrikorru ghal metodi ohra sakemm l-imputat icedi u jitlaq il-mus.

Is-surgent Magro ighid: "Il-kollega tieghi (b'referenza ghal PC1496) ipprova jehodlu il-mus minn idu imma Pawlu baqa' jirresisti. Kien taht shock, il-kollega tieghi jipprova jehodlu il-mus minn idu ghax bzajna li ha jaghmel xi haga. Jiena l-ewwel nies iffrankajtlu li jdahhal il-mus gol-istonku tieghu ... Ma kienx hemm cans ghax nahseb gietu aktar sahha barranija jiena bit-taser intih, mort nehodlu, inzommu minn naha minn idu, il-kollega tieghi jerga' jipprova jehodlu l-mus minn idu. Dak il-hin missejna flimkien jiena u il-kollega tieghi, is-shock affettwa fuqna. Kif il-kollega tieghi ra li bis-shock, tnejn pulizija fuqu ghalxejn, kien qed isir aktar aggressiv, kellu juza il-pepper spray. ... Imbaghad il-mus kif hass l-effett tal-pepper spray rema' il-mus minn idu u ghorok ghajnejh"[1]

Iktar tard, imbaghad meta huwa ikun qieghed jittiehed lejn il-lock-up filwaqt li ikun fil-vettura tal-pulizija, jipprova jahrab billi jiftah il-bieba tal-vettura u jipprova jaqbez 'il barra, izda jigi mizmum mill-878 u mill-1496. Dana kollu fil-fehma ta' dina il-Qorti ma jammontax ghar-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Ma jidhirx mix-xhieda ta' dawn l-ufficjali illi l-imputat ipprova ihebb ghalihom jew inkella li ipprova juza xi vjolenza kontra taghhom. Il-glieda kienet ma' uliedu u mhux mal-pulizija u fid-daghdiha li kien jinsab fiha, l-imputat beda jinjora dak kollu li bdew jordnawlu jaghmel il-pulizija. Iktar tard imbaghad wara li jigi mitfuh il-*pepper spray* f'ghajnejh, l-imputat jibda jirresisti milli jigi immanettjat minhabba l-hruq li kellu f'ghajnejh. Fil-fatt iz-zewg pulizija stess ighidu illi beda jissara maghhom ghax ried joghroq ghajnejh tant illi huma tallbu lis-siehba tieghu iggiblu xugaman xott sabiex jimsahhom. Minn hawn huma hadu lill-imputat lejn l-

[1] Ara xhieda tas-surgent Magro a fols. 31 u 32

ghassa u immedjatament gewwa ic-centru tas-sahha sabiex jiddewwa f'ghajnejh.

Illi finalment dwar l-allegazzjoni maghmula mill-prosekuzzjoni illi 'xi hin l-imputat ipponta il-mus fid-direzzjoni tas-surgent Magro u heddu bih ghandu jinghad illi fuq dana il-kuntest kemm kunflitt fil-provi. Dana qed jinghad ghaliex filwaqt illi s-surgent Magro ighid illi l-imputat fl-ebda hin ma ipponta il-mus direttament lejn uliedu jew lejh u fil-hin kollu dana il-mus huwa kien qed jippontah fl-arja[2], il-kuntistabbli 1496 ighid mod iehor[3]. Ghalhekk minhabba dana il-kunflitt il-Qorti ser tiskarta dina l-prova migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk ma hemmx dubbju illi il-hames akkuza tirrizulta ampjament ippruvat u cioe' illi l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Illi is-sitt u is-seba akkuzi ukoll jirrizulta ippruvati billi ma hemmx dubbju illi l-imputat kiser il-paci pubbliku fil-glieda li kellu ma uliedu fejn jidher illi inghad anke kliem baxx u oxxen.

Illi fir-rigward ta'l-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali li jaqghu taht id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 339, billi mill-atti jirrizulta illi ulied l-imputat Salvina, Paul u Silvio haffru lil missierhom ghall-akkadut u sahansitra tnejn minnhom ghazlu li ma jixhdux fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawriet ghar-rigward tat-tmien, disgha u ghaxar akkuzi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' ibnu Pawlu Roberts. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament

[2] Ara xhieda ts-surgent 1577 a fol.38 meta ighid: "il-fuq dejjem, il-ponta il-uq, la ppunta lejja, la ppuntata lejn hadd, la ppuntata lejn uliedu, il-fuq."
[3] Ara xhieda tas-surgent 1496 a fol.42 u in kontro-ezami a fol.55

jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: **"*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*.**"

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubbblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jist ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I*** (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

**"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di*

***sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.***"

U ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-

ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."

Illi f'dana il-kaz jirrizulta ippruvat minghajr l-icken dubbju illi l-imputat argumenta ma' uliedu Pawlu u Silvio Roberts u f'dana l-argument huwa kien armat b'mus. Madanakollu hemm dubbju serju dettat mir-raguni dwar l-intenzjoni ta'l-imputat. Huwa minnu illi meta l-ufficjali tal-pulizija wasslu fuq il-post huma sabu lill-imputat f'argument ma' uliedu u anke beda jigri wara ibnu Pawlu Roberts bil-mus f'idejh. Madanakollu hemm xhieda konfliggenti dwar l-azzjonijiet li kien qed jaghmel l-imputat b'dana il-mus. Fl-ewwel lok Pawlu Roberts, l-allegat vittma ta' dana ir-reat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Il-familjari ta'l-imputat u cioe' ibnu l-iehor Silvio u s-siehba tieghu Carmen Cutajar donnhom bhal kieku kellhom xi lapsus fil-memorja taghhom waqt li kienu qed jaghtu x-xhieda taghhom quddiem il-Qorti u ghalkemm fl-ahhar meta mistoqsija mill-prosekuzzjoni jammettu illi l-imputat kellu mus f'idejh, izda ighidu illi ma rawh jaghmel xejn bih. Salvina Roberts, bint l-imputat ukoll ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' missierha. L-uniku xhieda li tista' titfa' xi dawl hija x-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija u cioe' il-PS1577 u il-PC1496. Izda anke hawnhekk x-xhieda hija wahda konfliggenti, kif inghad iktar 'il fuq, ghaliex filwaqt illi s-surgent Magro ighid illi l-imputat fl-ebda hin ma ipponta il-mus direttament lejn uliedu jew lejh u fil-hin kollu dana il-mus huwa kien qed jippontah fl-arja, il-kuntistabbli 1496 ighid mod iehor. Illi kwindi fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali ma jistax jigi stabbilit illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika illi jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq ibnu Pawl Roberts. Fil-fatt l-imputat ghamel uzu mod iehor minn dana il-mus ghaliex dawwru fuqu bl-intenzjoni li jaghmel hsara lilu innifsu. Ghaldaqstant dina l-akkuza lanqas ma tirrizulta ippruvata. L-istess ma jistax jinghad ghall-akkuza ikkontemplata taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta billi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien qieghed igorr mus minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.[4]

[4] Ara Dokument JB4 a fol.117

Illi dwar l-akkuza ikkontemplata fl-artikolu 251(B) tal-Kapitolu 9 u cioe' ir-reat tal-hekk imsejjah ‘harassment’ ghandu jinghad is-segwenti. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim’Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta’ dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta’l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma “imgieba” fit-test tal-ligi timplika “a course of conduct” u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta’ incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-***Protection from Harassment Act, 1997*** tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: ***“A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions.”*** L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista’ jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *“**A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…”*** . Il-kliem “on each of those occasions” huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f’okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, “on at least two occasions”. Ghal xi ragunu – fil-fehma ta’ din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem “on at least two occasions thallew barra”. Fi kliem l-edituri ta’ **Blackstone’s Criminal Practice, 2008** :
**“How separate the two occasions must remains to be seen. The nature of stalking, the activity which**

**primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi minn dina l-esposizzjoni legali ma hemmx dubbju illi dana ir-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat ma jistax jissussisti. Ma hemmx l-icken prova f'dawn il-proceduri penali illi din kienet xi *course of conduct* ghall-imputat. Illi ghalkemm is-surgent Magro ighid illi ikunu spissi l-okkazzjonijiet meta huma jissejjhu biex jaghtu assistenza lil dina l-familja, madanakollu ma jispecifikax f'hix kienu jikkonsistu dawn l-okkazzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni ma tressaqx provi dwar ir-rapporti li kienu isiru, min kien jaghmilhom u kontra min. Inoltre ghalkemm Carmen Cutajar tghid illi l-imputat meta jixrob ikollu xi ighid maghha, madanakollu mix-xhieda taghha ma jidhirx illi hija kienet qed tigi "harassed" jew li inkella kellha xi biza

mis-sieheb taghha. Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza ukoll.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(m), 338(dd), 338(ee) u 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tiddikjara il-procediment esawriet ghar-rigward tat-tmien, disgha u ghaxar akkuzi, u filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u it-tnax-il akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-hames, sitt, sebgha u hdax-il akkuza u tikkundannah ihallas multa ta’ €200.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti, s-somma ta’ €190.19 bhala spejjez peritali.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-mus esebiet bhala Dokument JB1.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------